MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 2281/2000/1

Kawza fil-lista: 34

**L-Avukat Dottor Simon Busuttil**
**Vs**
**Emmanuel sive Manuel Cuschieri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi fl-edizzjoni tal-programm "Tajjeb li Tkun Taf" li giet imxandra nhar it-Tnejn 19 ta' Gunju ghall-habta tas-siegha ta' wara nofsinhar fuq l-istazzjon tar-radju Super One gew attribwiti fatti, akkuzi u allegazzjonijiet determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta' l-attur li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u ghar-redikolu ghad-dannu tar-reputazzjoni u l-integrita' tieghu;

Peress illi l-programm imsemmi kien immexxi mill-konvenut u li kien hu li attribwixxa fatti, akkuzi u allegazzjonijiet determinanti li huma foloz u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur.

Peress illi l-attur, bhala parti malafamata u dannegjata ghandu d-dritt ghad-danni kkontemplati fl-Artikolu 28 tal-Ligi ta’ l-Istampa, Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti m’ghandhiex;

1. tiddikjara u tiddeciedi illi x-xandira suriferita maghmula mill-konvenut hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta’ l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

2. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur dik is-somma li tiffissa l-istess Qorti f’ammont li ma jeccedix hamest elef lira (Lm5,000) bhala danni b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28 ta’ Kap. 248 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi d-diskors indikat mill-attur ma huwiex libelluz.

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-sueccipit l-istess diskors jikkonsisti f’espressjoni ta’ opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, u huwa *fair comment* fuq materja ta’ interess pubbliku, ammissibbli kemm taht il-Ligi ta’ l-Istampa kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

3. Illi inoltre l-eccipjent ma kellux *animus injurjandi*, billi evidentement huwa kien qed jikkritika politikament lill-attur

in kwantu huwa persuna pubblika u fuq materja attwali, ta' interess pubbliku u ta' kontroversja politika.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi l-attur hassu ruhu malafamat u ingurjat minn dikors li qal il-konvenut fil-konfront tieghu fl-edizzjoni tal-programm "Tajjeb li Tkun Taf" li xxandret fis-19 ta' Gunju 2000 fuq l-istazzjoni tar-radju Super One. L-attur jilmenta mill-fatt li f' din ix-xandira gew attribwiti lilu fatti, akkuzi u "allegazzjonijiet determinanti" li hu jsostni li huma foloz u li huma malafamanti peress li jesponuh ghad-disprezz tal-pubbliku u jimminaw l-integrita' u r-reputazzjoni tieghu. Ghaldaqant intavola l-proceduri odjerni u r-reklama danni b' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap.248

Is-suggett tax-xandira in ezami tirrigwarda kritika minn naha tal-konvenut, esponent tal-Partit Laburista, dwar dikjarazzjonijiet li kienu saru minn esponenti gholja fil-Partit Nazzjonalista dwar il-fondi li Malta kienet qeda titlef minhabba l-ifrizar tal-applikazzjoni ghas-shubija fl-Unjoni Ewropea.

Illi fl-istess xandira l-konvenut ikkwota brani minn diskorsi li saru minn dawn l-esponenti tal-Partit Nazzjonalista, li semmew figuri gholjin biex jenfasizzaw il-flus li Malta kienet qeda titlef bl-ifrizar tal-applikazzjoni taghha. Semma dikjarazzjoni li skond il-konvenut kien ghamel il-Professur Josef Bonnici li l-Unjoni Ewropea kienet fasslet programm ta' assistenza ghal dawk il-pajjizi li kienu ser jibdew in-negozjati u "li jekk tittraduci c-cifri taghhom ghal Malta jaf ifisser li ghandek madwar mitt miljun <u>sakemm tigi biex tissieheb</u> illi jistghu jigu uzati minn Malta bhala fondi parti self.."[1] Semma wkoll dikjarazzjoni li skond il-konvenut kienet maghmula mill-Avukat Dottor Eddie Fenech Adami li "Il-pajjizi li dehlin fl-Unjoni Ewropea diga'

[1] Fol.7

l-Unjoni Ewropea qeda tghidilhom – sakemm tidhlu, jiena lest li naghtikom tlett elef miljun lira mill-bank li hemm apposta, biex intom tirringaw l-affarijiet li tridu tirrangaw."[2] Kif ukoll ikkwota lil Professur Mario Demarco jghid "Malta kienet tikwalifika ghal mitt miljun lira fondi mill-Unjoni Ewropea."[3]

Illi f' din ix-xandira l-konvenut ikkritika dawn id-dikjarazzjonijiet u l-awturi taghhom, maghmula f' okkazzjonijiet precedenti, u sostna li dawn id-dikjarazzjonijiet li rrizultaw li kienu inveritieri, u li hu ddeskriva bhala "gideb sfaccat".

Kien f' dan l-istadju, u f' dan il-kuntest ta' miljuni ta' flus miltufa f' fondi minn Malta minhabba l-ifraz tal-applikazjzoni taghha li l-konvenut dahhal fix-xena lill-attur, bl-ilment principali da parti tal-konvenut, li dana bhala kap tac-Centru ta' Informazzjoni dwar Malta u l-Unjoni Ewropea [MIC] naqas mill-obbligu tieghu li jikkoreggi l-izbalji u impressjonijiet hziena li nghataw fuq l-Unjoni Ewropea mill-esponenti tal-Partit Nazzjonalista.

Fil-konfront tal-attur, il-konvenut ikkwota silta minn intervista li l-attur kien ta u li kienet rapportata fil-gazzetta il-Mument fil-harga tat-28 ta' Awissu 1997. Is-silta kwotata taqra hekk: "Is-Slovenja ghandha popolazzjoni hames darbiet aktar minna, ghalhekk somma semplici turik li Malta kienet tiehu madwar mitt miljun fis-sena."[4]

L-ilment tal-attur f' dan ir-rigward jikkonsisti fil-fatt li l-konvenut ikkwotah f' kuntest differenti, u cioe' fil-kuntest ta' kemm fondi Malta kienet qeda titlef minhabba l-ifrizar tal-applikazzjoni taghha, wara li l-konvenut kien diga' ikkwota d-dikjarazzjonijiet fuq indikati. B' hekk jsostni l-attur, id-diskors tieghu kien gie misripresentat. L-attur jispjega li, kif jirrizulta mir-rapportagg fl-isemmija gazzetta, l-attur fl-intervista kien qed jirreferi ghall-ipotesi li kieku Malta dahlet fl-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, fl-imsemmija intervista l-attur, wara li spjega li l-fond ghat-tkabbir kien

[2] Ibid
[3] Ibid
[4] Fol.8

maghmul a bazi tal-pajjizi li applikaw u tal-popolazzjoni rispettiva, jghid hekk: "Kieku dhalna meta hareg l-avis is-somma kienet tkun ta' madwar 45 miljun ….. Minn meta hareg l-avis dwar Malta sallum is-somma ta' kemm tiehu Malta kieku tissieheb kibret u zdiedet." [5]

Ghalhekk minn dan ghandu jirrizulta car li, filwaqt li d-dikjarazzjonijiet kwotati mill-konvenuti tal-persuni fuq indikati kienu jirreferu ghaz-zmien ta' qabel is-shubija, id-diskors li qal l-attur fl-imsemmija intervista kien jirreferi ghal-ipotesi li kieku Malta ssiehbet fl-Unjoni Ewropea. Minn dan isegwi li l-kritika u l-attakk maghmul mill-konvenut u dirett lejn l-attur huwa bazat fuq premessa falza.

Dwar l-attur, il-konvenut qal hekk: "Ta l-kontribut tieghu biex ihawwad il-mohh tan-nies. Biex ihawwad u jisvija mohh in-nies … omissis …. Kien parti ta' kampanja ta' misinformazzjoni bhalhom. Ihawwad il-mohh tan-nies b' dawn il-figuri. Hu kien jaf li mhux veru. Hu kien jaf li dina ma kienitx il-verita'. Hu kien jaf li dan kien kollu gideb ….. omissis ….. illum dawn in-nies, anke dawk li hemm f' dan l-ufficju [MIC] jirrizulta mir-records li ghandha ghad-disposizzjoni taghna, mid-dikjarazzjonijiet li ghamlu fil-passat, illi ghandhom record ta' gideb warajhom. Ghandhom record ta' kif qarrqu bin-nies meta semmielhom ic-cifri, cifri li llum il-poplu jaf li huma inezistenti."[6]

Huwa rilevanti wkoll dak li jidher fir-rappurtagg tal-intervista, li l-attur kien qed jibbaza l-kalkolu tieghu fuq dak li kien hemm fl-Agenda 2000, u fix-xhieda tieghu spjega li Malta ma kienitx issemmiet f' dan id-dokument peress li l-applikazzjoni taghha kienet sospiza, u ghalhekk, hu ha bhala ezempju lis-Slovenja li, skond l-attur, huwa pajjiz li ghandh xebh ma' Malta.

Minn naha tieghu, il-konvenut jghid li s-suggett tal-programm kien jikkonsisti fi kritika ghall-mod kif "esponenti

---

[5] Dok.C Fol.11
[6] Fol.9

tal-Partit Nazzjonalisti u ohrajn" [inkluz l-attur] kienu qeghdin jinfluwenzaw favorevolament lill-poplu dwar shubija fl-Unjoni, u bhala parti minn strategija ghal dan il-ghan kien jissemmew miljuni kbar ta' fondi li Malta suppost li kellha tibbenefika minnhom. F' dak iz-zmien huwa kien President tal-Partit Laburista li kien addotta pozizzjoni politika differenti "u allura kien jattakka il-kampanja ta' misinformazzjoni u gideb li kienet ghaddejja fil-pajjiz." L-iskop tieghu kien li jikkritika il-posizzjoni favur is-shubija. "Huwa qatt ma tkellem fuq il-persuna privata tal-attur, izda dwar l-attivita' politika tieghu."[7]

Illi f' dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija llum fl-ismijiet Professur Kenneth Wain vs Emmanuel Cuschieri, u senjatament ghall-principji legali hemm esposti.

Illi fil-kaz in disamina, il-Qorti tosserva li tirrikonoxxi d-dritt tal-konvenut li jiddikjara l-oggezzjoni tieghu ghall-operat tal-attur bhala kap tac-centru MIC, kif ukoll ghad-dikjarazzjonijiet minnu maghmula fl-imsemmija intervista; u anke jaghti l-opinjoni tieghu u jikkumenta sfavorevolment dwar il-fatt li, qabel il-hatra tieghu bhala kap ta' centru, l-attur kien jifforma parti minn moviment favur is-shubija fl-Ewropa – konsiderazzjoni li fil-fehma tal-konvenut kienet tirrendih inidoneju ghall-kariga ta' kap ta' centru li kellu l-obbligu li oggettivament jinforma lill-poplu Malta dwar l-effetti tas-shubija u hwejjeg relatati. Dan jidhol fil-parametri tad-dritt tieghu ta' l-espressjoni hielsa, kif ukoll, kunsidrat il-fatt li bhala l-attur kien jokkupa kariga pubblika u importanti, huwa necessarjament kien espost ghall-kritika, anke harxa.

Minn naha l-ohra, pero' il-Qorti thoss li l-konvenut skonfina mill-parametri ta' dak li hu legalment accettabbli meta [1] ikkwota silta minn intervista, f' kuntest differenti u li jaghti tifsira differenti ghal dak li kien qal l-attur; u inoltre, u multo magis, [2] li jiskatena attakk kontra l-attur li difficilment, anzi impossibbilment, jigi accettat bhala kritika legalment accettabbli. Fi kliem iehor, il-konvneut ma

[7] Nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut.

kellux dritt li, jattribwixxi lill-attur fatti skorretti, u juzahom bhala pretest biex jghajjru giddieb. Bl-imsemmi bran, il-konvenut qal li l-attur kien konsapevolment uza l-figura biex ihawwad mohh in-nies u jaghti informazzjoni zbaljata u li hu kien jaf li mhux vera u li kien jaf li dan kien kollu gideb.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imsemmi bran jmur oltre il-limiti ta' kritika accettabbli ta' l-operat tal-attur bhala kap tal-imsemmi centru, izda jimmina l-integrita' tieghu kemm professjonali kif ukoll personali. Ghax li tattribwixxi lil persuna li dana qal fatti inveritieri [jew fi kliem il-konvenut "gideb"] meta dan kien jaf li dak li d-diskors tieghu kien inveritier, mhu xejn aktar hlief attakk fuq l-integrita' personali ta' dik il-persuna. Tali agir inaqqas ir-reputazzjoni ta' l-individwu koncernat u jattira d-disprezz tal-pubbliku.

Illi zgur li dan ma jistax jikkwalifika la bhala value judgment u lanqas bhala fair comment kif qed jeccepixxi l-konvenut; fl-ewwel lok ghax, ghal dak li jirrigwarda l-attur, huwa bazat fuq fatti skorretti, u inoltre, ghax jattribwixxu lill-attur fatti li ma rrizultawx provati, anzi jinsabu kontradetti minnu. Di fatti l-attur jsostni, u dan jirrizulta wkoll mill-intervista tieghu [izda li thalliet barra mill-konvneut] li l-bazi tal-argumenti tieghu kienu l-kriterjri uzati mill-Unjoni Ewropea fl-Agenda 2000. Dan ma giex kontrastat.

Jigi ribadit, li, ghalkemm mhux qed jigi negat id-dritt tal-konvenut li jikkritika lill-attur u jghid li ma jaqbilx mieghu u wkoll jghid li l-kalkoli kienu zbaljati; imma zgur ma kellux id-dritt li jattribwilu l-fatt li dan kien qed jippartecipa konsapevolement f' kampanja ta' gideb diretta biex thawwad l-imhuh tan-nies. Il-malafama tassuma karattru aktar gravi kunsidrata l-kariga li kien jokkupa l-attur f' dak iz-zmien fil-MIC li kellu bhala wiehed mill-ghanijiet principali tieghu dak li jhajjru lin-nies biex jirrivolgu lejn ic-centru il-mistoqsijiet taghhom dwar l-Unjoni Ewropea, u li ghalhekk kien necessarju li jispira fiducja. Dan ghandu jigi rifless fil-likwidazzjoni tad-danni.

Dwar l-element tal-animus iniuriandi il-Qorti tirrileva li dan id-diskors jirrendi applikabbli l-principju - cum verba sunt per se iniurosa, animus iniuriandi praesumitur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tal-attur huma gustifikati u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara d-diskors li ntqal fl-edizzjoni surreferita mill-konvenut, bhala libelluz u malafamanti fil-konfront tal-attur u li jesponih ghad-disprezz tal-pubbliku; tikkundanna lill-istess konvenut jhallsu lill-attur is-somma ta’ hames mitt lira maltin [Lm500] in linea ta’ danni ghall-malafama bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-Kap.248, bl-imghax mid-data ta’ dan il-gudizzju, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------